5 ta' Ġunju, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**John Cini *versus* Salvatore Debono**

**Preskrizzjoni — Bejgħ bl-Ingrossa u bl-Imnut — Art. 2253 (2) tal-Kap. 23.**

*Il-preskrizzjoni ta' tmintax il-xahar li tolqot l-azzjoni tal-kreditur għall-prezz ta' merkanzija u oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobili, hija applikabili meta l-bejgħ ikun sar bl-imnut, u mhux ukoll meta jkun sar bl-ingrossa.*

*In teorija, il-kriterju distintiv bejn il-grossista u d-dettaljatur huwa illi l-grossista jbiegħ lil min jinnegozja mill-ħaġa li jixtri minn għandu, mentri d-dettaljatur ibiegħ lill-konsumaturi u fil-kwantitajiet li dawn ikollhom bżonn. Imma għandu jiżdied ukoll illi l-liġi, fid-dispożizzjoni dwar din il-preskrizzjoni, tħares mhux lejn dik li tista' tkun abitwalment il-professjoni tan-negozjant, ta' grossista jew ta' dettaljatur, imma tħares lejn il-vendita partikulari per se; għaliex anki grossista jista' minn xi daqqiet ibiegħ eċċezzjonalment bid-dettall.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenut jiġi kundannat iħallsu s-somma ta' £24. 13. 6. bilanċ ta' somma akbar (dok. A), prezz ta' xgħir u sinida lilu mibjugħa u konsenjati. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-28 ta' Frar 1950, kontra l-konvenut inħarrek għas-subizzjoni;

Trattata l-kawża, ikkunsidrat:

Għalkemm fit-trattazzjoni orali d-difensuri apparentement insew dina ċ-ċirkustanza, hu ċar li l-preskrizzjoni eċċepita ma tolqotx il-kreditu intier; għaliex fid-dikjarazzjoni tiegħu, fit-tarf tagħha, il-konvenut stqarr li baqgħalu jagħti lill-attur, relativament għall-kreditu mitlub, residwu żgħir ta' 13s. 6d.

Għalhekk l-eċċezzjoni hi intiża għas-somma mitluba, nieqes però dak il-bilanċ;

Il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar sollevata mill-konvenut hi dik imsemmija fl-art. 2253 (2) Kap. 23, u tirrigwarda l-azzjonijiet tal-kredituri għal prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobili, mibjugħa "bl-imnut"; għalhekk bejn il-kontendenti ġiet ventilata l-kwistjoni jekk il-bejgħ kienx jew le bl-imnut;

Fis-sentenza ta' din il-Qorti "Attard vs. Refalo", 15 ta' Novembru 1892, l-Imħallef Dr. Paolo Debono kien qal: — "La legge non definisce i relativi concetti del grande e del piccolo commercio, del commercio all'ingrosso e del commercio al minuto, ma secondo la dottrina il criterio direttivo per distinguere il grossista dal dettagliatore è che il primo vende per lo più a coloro i quali commerciano della cosa comprata, mentre il secondo vende per lo più ai consumatori ed in piccole quantità misurate dal bisogno di costoro". L-Imħallef Dr. Giovanni Pullicino, fl-Appell Inferjuri maqtugħ minnu fis-17 ta' Jannar 1912, "Fenech vs. Galea", għalkemm aċċetta in teorija dina d-distinzjoni, osserva però opportunament illi l-liġi, fid-dispożizzjoni dwar dina l-preskrizzjoni, ma tħarisx lejn dik li tista' tkun abitwalment il-professjoni tan-negozjant, ta' grossista jew minutant, imma tħares lejn il-vendita partikulari in kwistjoni per sè; għaliex anki l-grossista jista', xi minn daqqiet, ibiegħ eċċezzjonalment bid-dettall;

Issa, fil-każ preżent, biżżejjed wieħed iħares lejn il-kont fol. 5 biex jipperswadi ruħu li f'dan il-każ ma hemmx bejgħ fi kwantitajiet żgħar lill-konsumatur, imma bejgħ ta' kwantitajiet pjuttost rilevanti, intiżi għall-annimali ta' proprjetà tal-konvenut, miżmuma minnu, almenu preċipwament, għan-negozju tiegħu, kif qal hu stess fol. 13; ma jistax kwindi raġjonevolment jingħad li l-bejgħ kien bl-imnut;

Il-konvenut invoka favur l-assunt tiegħu s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawża "Saliba vs. Cassar", fid-19 ta' Frar 1951. Iżda f'dan il-każ hekk ċitat kien hemm fattezzi diversi. Minn biegħ kien grocer u mhux negozjant kif inhu l-attur f'din il-kawża (ara l-kont tiegħu fejn jikkwalifika ruħu bħala "merchant"). Dippjù fil-każ ċitat

kien hemm differenza fil-prezz tal-bejgħ bejn il-prezz bl-imnut u l-prezz bl-ingrossa, mentri f'dan il-każ differenza ma hemmx (ara xhieda ta' l-istess konvenut). Għie għalhekk rilevat f'dik is-sentenza li l-attriċi ma kienetx sejra tbiegħ bl-ingrossa u tnaqqas il-profitti tagħha, billi l-prezz bl-imnut kien akbar — riljev mhux applikabili għal dan il-każ;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tiċħad l-eċċep'ta preskrizzjoni: bl-ispejjeż kontra l-konvenut eċċipjent.